5

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
23 JUN 2021
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

# FIT-TRIBUNAL TA' REVIŻJONI DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

| | |
|---|---|
| Applikazzjoni | PA/08969/19 / EA00064/19 |
| Sit | SM61, Triq il-Belt Valletta, Mqabba |
| Deskrizzjoni | Demolition of existing structures, ramp, gates and boundary walls, Uprooting and planting trees. Proposed rehabilitation of disused soft stone quarry, including filling of same and landscaping works. Proposed construction of old people's home (class 2A) that comprises of basement (level -1), three floors (levels 0, 1, 2) above ground and roof structures at level 3. The basement level consists of a car park having 137 parking spaces, 6 accessible parking spaces and 1 accessible van space, an unloading/loading area, kitchen, dining areas and ancillary facilities, Level 0 consists of a reception area, lounge, multipurpose hall, accommodation (42-2-2bedded guest rooms) and ancillary facilities. It also includes a wandering garden, other gardens, 17 parking spaces, a space for a fire truck, minibuses, and ambulance, a drop-off zone, ramps leading to the basement level and a security room. Level 1 consists of a staff area, lounge, accommodation (42-2-2bedded guestrooms) and ancillary facilities. Level 2 consists of a crafts room, lounge, chapel, accommodation (42-2-2bedded guestrooms) and ancillary facilities. The roof level is an area for services. |
| Applikant | Bonnici Brothers Limited |

**RIKORS GĦAS-SOSPENSJONI** ta' **Michael Ghigo (ID 475752M), John Ghigo (ID 558453M), Jane Ghigo (ID 695559M), Alexander Ghigo (ID 555958M) u Rita Ghigo (ID 103361M)**

Jesponu bir-rispett:

Illi kontestwalment ma' dan ir-Rikors, l-esponenti intavolaw rikors tal-appell, quddiem dan l-Onorabbli Tribunal, minn deċiżjoni tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi ('ERA') datata 28 ta' Mejju 2021 (anness Dok. 'A') li permezz tagħha l-ERA naqset milli tqis sottomissjonijiet magħmula mill-esponenti permezz ta' ittra datata 27 ta' April 2021 (anness Dok. 'B').

Illi permezz ta' dan ir-Rikors, l-esponenti qegħdin jitolbu s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-imsemmija deċiżjoni u dana stante li l-preġudizzju li ser jiġi kkawżat bil-kontinwazzjoni tal-ipproċessar tal-applikazzjoni *de quo* ser ikun ferm akbar mill-preġudizzju riżultanti mis-sospensjoni mitluba b'dan ir-rikors.

Illi l-bażi fil-mertu tal-appell intavolat mill-esponenti hija li l-EIA sottomess mill-applikant ma jieħux kont tal-impatti tal-ħsejjes, vibrazzjonijiet u emissjoni ta' trabijiet derivanti minn dritt ta' passaġġ bi kwalsijasi tip ta' inġenju, li jgawdu l-esponenti, liema dritt ta' passaġġ jgħaddi minn ġewwa s-sit tal-applikazzjoni u/jew fil-viċinanzi immedjati tal-istess.

Illi dan id-dritt ta' passaġġ ma ġie bl-ebda mod indikat fil-pjanti tal-applikazzjoni u ma ttieħidx in konsiderazzjoni fl-EIA preżentat għall-finijiet tal-istess applikazzjoni.

Illi l-esponenti kienu irrilevaw dan in-nuqqas lill-ERA iżda li għażlet li tinjora tali sottomissjoni permezz ta' deċiżjoni kontenuta f'ittra datata 28 ta' Mejju 2021 (anness Dok. 'A').

Illi kemm-il darba s-sospensjoni ma tintlaqax l-ipproċessar tal-applikazzjoni jkun jista' jkompli u b'dan il-mod in-nuqqas li dwaru qed jilmentaw l-esponenti ser isir irriversibbli.

Illi tali talba għas-sospensjoni mhux ser tkun ta' preġudizzju għaliex l-applikazzjoni għall-iżvilupp PA/08969/19 hija preżentement sospiża fuq talba tal-applikant stess, għalhekk is-sospensjoni tal-proċess quddiem l-ERA m'hu ser jissarraf f'ebda preġudizzju.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jissospendi l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni kontenuta f'ittra datata 28 ta' Mejju 2021 (anness Dok. 'A').

Avv. Massimo Vella
43E, St. Paul's Buildings
West Street
Valletta

Esponenti: 'Angelica', Triq it-Tunnara, Zurrieq

Notifika:

1. Environment and Resources Authority, Hexagon House, Spencer Hill, Marsa, MRS 1441

2. Bonnici Brothers Limited, Bonnici House, Sardines Street, Burmarrad